missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.

Jum Dinji Missjunarju
18 ta' Ottubru 2026

ĦAĠA WAĦDA FI KRISTU MAGĦQUDIN
f'Missjoni
100 SENA TAL-ĦADD MISSJUNARJU DINJI

Witti triq għall-edukazzjoni

Għin tfal bħal Yamikani jilħqu l-ħolm tagħhom.

F'dan ix-Xahar tal-Missjoni, ejjew ningħaqdu bħala familja waħda biex inwasslu t-tama lil tfal bħal Yamikani fil-Malawi. Minkejja d-diżabilità u l-faqar kbir li ġab l-għargħar, Yamikani joħlom li jitgħallem fl-iskola l-ġdida ta' St Peter's Nyamikuta. Din is-sena il-ġenerożità tiegħek għandha tifsira speċjali mal-100 sena tal-Jum Dinji tal-Missjoni nhar il-Ħadd 18 ta' Ottubru. Huma mitt sena ta' talb u solidarjetà biex inwasslu l-imħabba ta' Kristu lil min l-aktar li għandu bżonn.

B'donazzjoni żgħira mingħandek, illum tista' tkun il-bidla fil-ħajja ta' dawn it-tfal u tagħtihom futur mimli tama.

Missio l-organizzazzjoni tal-karità ufficjali tal-Papa f'idejk

www.missio.org.mt/gm2026 +356 21236962 No7, Merchants Street Valletta VLT 1171 Malta

missio
Jien. Int. Aħna. Flimkien.

Iva! Irrid inwitti triq għall-edukazzjoni għal tfal bħal Yamikani.

Skola mhijiex sempliċement bini.
Hija l-post fejn tifel jew tifla għall-ewwel darba jifhmu li l-futur tagħhom mhuwiex diġà miktub.

Huwa l-post fejn familja tibda temmen li dak li ttieħed minnha, jew dak li qatt ma kellha l-opportunità li jkollha, maż-żmien jista' jerġa' jinbena.

Huwa l-post fejn komunità li ġiet spostata, li għaddiet minn niket u li qed tibda mill-ġdid, issib saqajha u terġa' tibni ħajjitha.

Meta t-tfal ikunu l-iskola, il-ġenituri jkunu jistgħu jaħdmu. Meta t-tfal jingħataw ikel tajjeb fl-iskola, ikunu jistgħu jikkonċentraw fuq it-tagħlim. Meta t-tfal jirċievu edukazzjoni, il-ġenerazzjoni li jmiss ma tibdiex mill-bidu.

"Dan il-proġett huwa fundamentali ħafna fil-ħajja ta' dawn it-tfal. Iħeġġiġhom ifittxu xi ħaġa akbar, iħarsu 'l quddiem lejn xi ħaġa aqwa minn dak li għandhom."

Fr Matthew Semba
Koordinatur tal-Proġett tal-Iskola Primarja St Peter's Nyamikuta

Kif tista' tagħti d-donazzjoni tiegħek

- **Donazzjoni fuq Linja Fissa:**
  5180 2026 - €25
  51902051 - €50
  51302034 - €100
- **Jew Cempel fuq:**
  +356 2123 6962 / +356 2155 0267

- **Żur il-website tagħna:**
  www.missio.org.mt/donate

BOV mobile
- **Agħti donazzjoni billi tuża BOV Mobile 77236962**

myAPS
- **Agħti donazzjoni billi tuża myAPS 77236962**